# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April 2001.**

**Numru 20**

**Citaz. numru 1656/92 JF**

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta.**

**vs**

**Michael Fenech, bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Fenech Oil and Petroleum Company Limited (FOPCOL).**

**<u>DIGRIET TA' DIN IL-QORTI TAL-20 TA' APRIL, 1995.</u>**

B'din il-procedura Michael Feneh bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Fenech Oli and Petroleum Company Limited (FOPCOL), qed jitlob li jigi annullat is-segwenti digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' April 1995, u ordnat is-smiegh mill-gdid tieghu.

“1. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc kellha quddiemha citazzjoni li talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta biex thallas hamsin elf u sitt mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm50,628) prezz ta' zjut.

2. Il-konvenut li jirrapprezenta s-socjeta' konvenuta gie indikat bhala **Michael Fenech** u b'digriet tat-**22 ta' Marzu, 1993**, dik il-Qorti awtorizzat iz-zieda tal-ittra "A" wara l-isem ta' "**Michael**". Din il-bidla saret wara li fin-Nota ta' Eccezzjonijiet intqal illi:

> "....l-eccipjent ma jipprezentax gudizzjarja-ment lis-socjeta' konvenuta izda skond il-Memorandum u Articles of Association ta' din is-socjeta' din ir-rapprezentanza tispetta esklussivament lil Michael Angelo Fenech u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju".

3. Fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 1993, il-Korporazzjoni ssottomettiet - kif gie verbalizzat - illi ghand ir-Registratur tas-Socjetajiet isem il-konvenut huwa mnizzel bhala "**Michael A. Fenech** u li ebda Michael Fenech iehor ma hemm registrat bhala Direttur tal-kumpanija konvenuta. Jidher pero' li l-istess kumpanija insistiet fuq dak li kienet eccepiet, u allura l- Qorti, fit-**22 ta' Marzu, 1993**, ipprovdiet billi qalet illi:-

> ".....jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti li ghalkemm isem id-Direttur tas-socjeta' konvenuta tnizzel bhala "Michael A. Fenech" fir-registru tas-socjetajiet, l-attur nomine harrku f'din il-kapacita' minghajr pero' ma dahhal l-ittra "A" li tirreferi ghall-isem ta' "Angelo" flimkien ma' dak ta' "Michael".
>
> Dan juri li effettivament il-konvenut nomine in realta' jismu "Michael Angelo" u mhux biss "Michael" - fattur li jista' jaghti lok ghall-konflitt meta, u kif effettivament argumenta verbalment id-difensur tal-konvenut nomine, hu l-istess konvenut, jismu proprju "Michael".
> Ghal dawn il-motivi, anchorche jista' jinghad li l-formalizmu legali hawnhekk

qed jigi mgebbed sal-punt li l-Inglizi jsejjhu "splitting hairs".

Tiddeciedi billi tordna li, wara talba formali tal-attur nomine, tigi inserita l- ittra "A' wara l-isem "Michael" tal-konvenut nomine, f'liema kaz, milqugha l-korrezzjoni, trid issir notifika mill-gdid tal-att tac- citazzjoni kif korrett".

**L-appell tad-Digriet** 4. "IL-konvenut nomine" appella ghaliex deherlu li l- Qorti ma setghetx taghti l-korrezzjoni peress illi l- eccipjent "Michael Fenech" u "Michael Angelo Fenech" li jirrapprezenta s-socjeta' konvenuta huma zewg persuni differenti u mhix l-istess peruna - u ghalhekk il-Qorti kellha: "....tillibera lill-eccipjent mill-osservanza tal-gudizzju".

**Il-konsiderazzjonijiet rilevanti**

5. Din il-Qorti malli bdiet it-trattazzjoni tal-appell dehrilha li huwa l-ewwelnett mehtieg li jigu esibiti l-istatuti tas-socjeta' konvenuta, ghaliex il-"fatti" tal-kwistjoni jiddependu, l-ewwelnett, minn dak li hemmhekk jirrizulta.

6. Dawn l-istatuti gew esebiti u jirrizulta illi:-

(a) Michael A. Fenech kien gie nominat Direttur fit-**8 ta' Frar, 1973**.

(b) Illi l-artikolu 24 tal-Articles tas-socjeta' kien jiddisponi illi:

"Any director may represent the Company in judicial proceedings".

(c) Il-kumpanija giet registrata fis-**6 ta' Ottubru, 1972**, u l-ewwel diretturi kienu Alfred Fenech u Emanuel Farrugia.

(d) Fit-**12 ta' Frar, 1973**, Emanuel Farrugia ma baqax direttur. Baqghu ghalhekk zewg diretturi - Alfred Fenech u Michael A. Fenech. Anzi l-bidliet gew registrati fl-**20 ta' Frar, 1973**, u ghalhekk, ghat-terzi din hija d-data rilevanti.

(e) Fil-15 ta' Lulju, 1982, zdied bhala direttur Anthony R. Valvo.

(f) Fir-rapport annwali tal-kumpanija, registrat fil-**15 ta' Lulju, 1983**, hemm, bhala wiehed mit-tlett diretturi u bhala wiehed miz-zewg azzjonisti (flimkien ma' Alfred Fenech u Anthony Valvo diretturi u flimkien ma' Alfred Fenech bhala azzjonista), registrat

"**Mr. Michael Fenech, 134, Marsaxlokk Quay, Marsaxlokk**"

(g) Fil-25 ta' Novembru, 1985, gie registrat li Alfred Fenech kien irrizenja u ma baqax direttur.

(h) Fid-19 ta' Frar, 1988, Michael A. Fenech gie nominat "Managing Director", u l-artikolu 24 tal-Articles gie emendat fis-sens illi:-

"The Managing Director will represent the Company in judicial proceedings".

(i) Fid-**29 ta' Novembru, 1988,** dan rega' inbidel u beda jinqara hekk:-

"The Managing Director or any person or persons as the Board of Directors may from time to time determine, will represent the Company in judicial proceedings and any judicial acts related thereto".

Fl-**4 ta' Jannar, 1993** gie registrat illi:-
(j)
"Mr. Michael Fenech has been appointed a Director of the Company with immediate effect".

7. Ic-citazzjoni kontra s-socjeta' giet prezentata fis-**7 ta' Dicembru, 1992**, u f'din id-data id-diretturi tas-

socjeta' kienu tnejn:- "Michael A. Fenech u Anthony R. Valvo - Michael A. Fenech kien Managing Director.

Ic-citazzjoni ma setghetx tigi notifikata ghaliex fid-**9 ta' Dicembru, 1992**, meta mar il-purtier fl-indirizz tas-sede socjali - 1, Marina Alley, Kalkara, - ma fetahlu hadd. In-notifika permezz ta' affissjoni saret fit-**13 ta' Jannar, 1993**.

F'din l-ahhar data - il-posizzjoni socjali kienet hekk:- Michael A. Fenech, "Managing Director", Anthony R. Valvo u Michael Feneech diretturi.

Ghalhekk meta - permezz ta' affissjoni - ic-citazzjoni, kif allegat, din giet a konjizzjoni ta' Michael Fenech u mhux ta' Michael A. Fenech, Managing Director, **li huwa l-unika persuna awtorizzata biex tirrapprezenta s-socjeta' fil-Qorti**, Michael Fenech kellu jeccepixxi illi huwa ma kellux id-dritt ta' rapprezentanza ghaliex din kienet tappartjeni biss lil Michael A. Fenech bhala Managing Director.

8. Il-kwistjoni kienet daqshekk semplici. Ma nholqot ebda kwistjoni li, kif hemm fir-rikors ta' appell, l-korrezzjoni ma setghetx tinghata ghaliex Michael Fenech m'huwiex Michael A. Fenech, billi:-

> "...huma zewg persuni u mhux l-istess persuna".

Assolutament le. Huma effettivament zewg persuni u bil-korrezzjoni bl-aggunta tal-ittra "A' gie assigurat li Michael A. Fenech, Managing Director tas-socjeta', huwa l-persuna fizika li ghandu d-dritt li jirrapprezenta s-socjeta' u mhux Michael Fenech.

9. Difatti c-citazzjoni setghet kienet diretta kontra Anthony R. Valvo f'isem is-socjeta' u xorta wahda din kienet tkun daqshekk iehor zbaljata u l-Qorti kienet tkun ukoll korretta jekk tissostitwixxi l-isem ta' Michael A. Fenech ghal dak ta' Anthony R. Valvo fic-citazzjoni, biex dan jirrapprezenta s-socjeta'.

10. Korrezzjonijiet ta' din il-kwalita', fl-isem u l-kunjom tal-persuni fizici li jirrapprezentaw persuni giuridici huma necessarji, u huwa ovvju li ghandhom jigu koncessi a skans ta' hala ta' zmien u spejjez. Dak

li pero' jkun jehtieg li jsir huwa li l-persuna l-gdida trid tigi notifikata u l-persuna notifikata hazin tinhareg mill-kawza. Din ta' l-ahhar kellha ssir u ma saritx ghaliex naturalment l-l-ewwel Qorti haditha li b'dak li ghamlet, dan jissucciedi awtomatikament. Izda dan mhux hekk, tant illi, strettament ir-rikors ta' **Michael Fenech** fil-vesti **rapprezentattiva li m'ghandux** ma setghax jappella kif appella bhala

"konvenut nomine",

ghaliex huwa dik in-"nomine" **qatt ma kellu**, tant illi strettament ukoll, in-Nota ta' Eccezzjonijiet qatt ma kellu s-setgha li jipprezentaha f'isem is-socjeta', bhala "konvenut nomine" u wisq anqas jahlef id-dikjarazzjoni bhala "konvenut nomine", izda biss bhala **konvenut personalment**. L-agir ta' Michael Fenech ma kienx konsistenti ma' dak li kien qed jirritieni, u f'kazijiet bhala dawn tinholoq konfuzjoni inutli ghaliex ma tigix apprezzata sewwa x'inhi verament id-distinzjoni bejn il-"personalment" u "n-nomine".

Din il-Qorti osservat, bhala parti indikattiva ta' din il-konfuzjoni illi meta d-dikjarazzjoni man-Nota ta' eccezzjonijiet giet mahlufa fir-Registru ta' din il- Qorti fit-2 ta' Frar, 1993, hemm kjarament indikat li deher Michael **"Angelo" ingassata,** Fenech, li ha l-gurament. Kif u ghaliex kien hemm bzonn l-ingassar ma giex spjegat fl-ewwel grad u din il-Qorti mhix se tindaga oltre.

10. Finalment - assolutament ma kienx il-kaz, kif jitlob l-appell, li l-ewwel Qorti "tillibera mill- osservanza tal-gudizzju". Tillibera lil min? Lil Michael Fenech jew lis-socjeta' li hija l-parti fil- kawza u li sa dak il-mument, kienet ghada lanqas biss legittimament rapprezentata?
Michael Fenech kellu jinhareg mill-kawza - kif intqal - imma huwa stess, kontradittorjament baqa' fiha f'veste rapprezentattiva li m'ghandux u sahansitra appella f'dik il-kwalita' li qatt ma kellu.

**Konkluzjoni**

11. L-appell tal-"konvenut nomine" huwa michud u l-atti ghandhom jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti biex tkompli bil-kawza, wara li ssir in-

> notifika lis-socjeta' konvenuta kif debitament rapprezentata liema notifika kellha nfatti ssir ghas-seduta tal-10 ta' Mejju, 1992, ghal liema gurnata kienet giet differita l-kawza immedjatament qabel ma sar dan l-appell.
>
> L-ispejjez tal-incident fl-ewwel grad ghall-korporazzjoni, dawk ta' dan l-appell ghal Michael Fenech, li, billi kkawza dan l-appell f'veste li ma kellux, u b'hekk b'mod frivolu u vessatorju ghandu jehel spejjez doppji.”

**<u>RITRATTAZZJONI</u>**

Fil-petizzjoni tar-ritrattazzjoni, l-konvenut Michael Fenech nomine, qed jissottometti illi hemm lok ghal smiegh mill-gdid ta’ din il-kawza, u dan skond l-artikoli 811(e)(i) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, s-subinciz (e) jipprovdi li hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta’ kawza deciza minn din il-Qorti meta s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Is-subinciz (l) jipprovdi illi hemm lok ghal smiegh mill-gdid tal-kawza jekk fis-sentenza jkun hemm dispozizzjonijiet kontra xulxin.

Din il-Qorti ezaminat sewwa l-atti tal-kawza u waslet ghal konvinciment li hemm ostakolu procedurali li jirrendi initwali t-talba ghal smiegh mill-gdid tal-kawza. Mhux allura l-kaz li jigi precizat l-aggravju tar-ritrattand nomine fid-dawl tas-subincizi tal-artikolu 811 minnu invokati qabel ma jigi epurat u deciz tali ostakolu.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Fit-trattazzjoni tar-rikors quddiem din il-Qorti, giet avvanzata rispettosament il-kwistjoni jekk kienx il-kaz li s-Sinjuri Mhallfin Carmel L. Agius u Noel Arrigo jastjenu milli jiehdu konjizzjoni tar-rikors partikolarment fir-rigward tal-aggravju tas-subinciz (e) tal-artikolu 811.

Fid-digriet tal-21 ta' April 1999, din il-Qorti ddecidiet wara li ezaminat il-process li ma kienx hemm lok u raguni ghall-astenzjoni ta' dawn is-Sinjuri Mhallfin. Il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni fil-mertu. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis is-segwenti :-

(a) Hu car u manifest illi d-decizjoni taghha tal-20 ta' April 1995, li l-konvenut nomine qed jinficja u jitlob li tigi annullata, kienet digriet u mhux sentenza ta' din il-Qorti. Dan mhux biss jinghad espressament fid-decizjoni imma wkoll hu evidenti minn natura u l-kontenut tat-talba maghmula mill-Korporazzjoni Enemalta li talbet u ottjeniet korrezzjoni dwar l-isem tal-konvenut fl-okkju tal-kawza. Id-decizjoni ta' din il-Qorti tal-20 ta' April 1995, kienet fuq appell minn dan id-digriet u konsegwentement l-awtorizzazzjoni ghall-korrezzjoni li din il-Qorti kkonfermat ma setghatx issir jekk mhux b'digriet iehor.

(b) Hu ovvju illi qed tigi accettata s-sottomissjoni tar-ritrattand illi Michael Fenech "ma kienx u ma jistghax jitqies li kien l-istess persuna

bhal "Michael A. Fenech", bil-fatt biss tal-korrezzjoni Michael Fenech ikun gie estromess bhala konvenut fil-kawza u ma kien jibqaghlu l-ebda nteress fl-ezitu taghha. Wisq anqas kien ikollu interess jitob ritrattazzjoni tad-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' April 1995.

(c) Illi, dana apparti, oggezzjoni procedurali fondamentali ghar-rikors ghar-ritrattazzjoni intavolat mill-istess Michael Fenech nomine tinstab fil-fatt illi kien kosentit ir-rimedju eccezzjonali tar-ritrattazzjoni biss fil-kazijiet ta' "Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell …………. fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess" (artikolu 811 tal-Kap 12). Dan ifisser illi setghet tintalab ir-ritrattazzjoni biss fil-kaz ta' kawza deciza fil-mertu b'sentenza ta' din il-Qorti li tkun ghaddiet in gudikat. Fil-kaz taht ezami l-mertu tal-kawza ma kienx gie deciz minn din il-Qorti u din il-Qorti ma kienet tat l-ebda sentenza fil-mertu. Hu ovvju li l-istitut eccezzjonali tar-ritrattazzjoni ma kien bl-ebda mod jipprovdi ghal smiegh mill-gdid ta' kawza wara l-ghoti ta' digriet. Il-procedura li qed jittanta r-ritrattand kienet biss intiza biex tintralcja l-process gudizzjarju u tostakola l-prosegwiment tieghu kontra l-legittimu kontraditur, kif definit mill-ewwel Qorti, proprju in konformita' ma' dak li kien gie sottomess mill-istess ritrattand.

(d) Interessanti li l-artikolu 811 appena citat jispecifika li t-talba ghal smiegh mill-gdid setghet issir minn wahda mill-partijiet li jkollha nteress. Jirrizulta sodisfacentament illi fil-kaz taht ezami Michael Fenech mhux

biss, skond hu, ma kienx ghadu parti fil-kawza billi gie ezawtorat minn Michael A. Fenech imma certament, in kwantu citat b'dak l-isem, ma kien fadallu ebda interess fl-ezitu tal-kawza.

(e) Finalment, ukoll biex tissottolinea l-frivolezza u l-insostennibilita' ta' din il-procedura skond l-ordinament procedurali issa vigenti, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-konvenut f'din il-kawza hija s-socjeta' Fenech Oil and Petroleum Company Limited (FOPCOL), socjeta' li ndubjament ghandha personalia' guridika distinta. Is-subinciz 1 tal-artikolu 181A tal-Kap 12 jipprovdi "illi meta tigi pprezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita' guridika distinta jkun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp".

Kien allura kompletament immaterjali min kien qed jirraprezenta dik is-socjeta' ghall-fini tac-citazzjoni taghha quddiem Qorti bhala konvenut. Realta' guridika din tkompli tissottolinea l-ivutilita tal-prezenti procedura.

Ghal dawn il-motivi, r-rikors in rescendente biex jigi annullat id-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' April 1995, qed jigi respint, bl-ispejjez kontra r-ritrattand. Din il-Qorti qed tirrimetti l-atti lura lil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mg